V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8273 — Standard/Braas Monier)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 65/04)

1. Fl-20 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Standard Industries Inc. ("Standard", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Braas Monier Building Group SA ("Braas Monier", il-Lussemburgu) permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Standard: il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti tas-soqfa kummerċjali u residenzjali u ċerti prodotti oħra ta' kostruzzjoni madwar id-dinja. Fl-Ewropa Standard hija l-aktar attiva permezz tas-sussidjarja tagħha, Icopal Holding A/S li hija primarjament iffukata fuq il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tas-soqfa ċatti.

— għal Braas Monier: il-manifattura u l-provvista ta' prodotti tas-soqfa mżerżqa, madum tas-soqfa u komponenti tas-soqfa f'29 pajjiż madwar id-dinja, l-aktar fl-Ewropa, l-Asja u l-Afrika t'Isfel. Braas Monier timmanifattura wkoll ċmieni u s-sistemi tal-enerġija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8273 — Standard/Braas Monier, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").